# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 10 ta' April 2025**

**Numru 7**

**Rikors Numru 609/2022TA**

**Nicholas Calleja (K.I. 260678M)**
**vs**
**Managing Partners Malta Limited (C-52629)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Nicholas Calleja (l-Attur) tat-12 ta' Lulju 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-attur huwa *accountant* di professjoni u huwa kien impjegat mas-soċjeta` intimate bħala *Chief Financial Officer* bejn l-1 Ottubru,2015 u t-28 ta` Jannar, 2022 u dan kif tihxed l-employment history maħruga mill-Agenzija Jobsplus hawn annessa u mmarkata bħala " **Dok NC1**"

2. Illi l-attur kellu paga ta ċirka tlett elef Ewro fix-xahar u sax-xahar ta` ottubru,2020 huwa dejjem tħallas regolarment izda gara li fix-xahar ta` Novemrbu,2020 is-soċjeta intitmata waqfet tħallas is-salarju għal kolox;

3. Illi l-unika raguni li l-attur baqa fl-impjieg għal aktar minn sena mingħajr ma jitħallas il-paga hija li huwa kien qed jigi mwiegħed li s-sitwazzjoni kienet ser tissolva u huwa kien ser jieħu dak li huwa dovut lilu mill-aktar fis. Filfatt minkejja diversi wegħdiet intimata naqqset milli tħallas il-paga għall perjodu ta`bejn 1 ta` Novembru, 2020 u t-28 ta` Jannar,2022 biex b`hekk is-somma globali dovuti bħala paga bażika hija dik ta` €38,258.52, hekk kif ikkonfermant mill-annessi payslips relattivi għall-perjodu msemmsi hawn annsessi u kollettivament immarkati bħala "Dok NC2 "

4. Illi minkejja diversi interpellanzi u minkejja li kien hemm diversi diskussjonijiet mad-Direttur tas-soċjeta ` ċertu Jeremy Leach, dan tal-aħħar baqa qatt ma ħallas l-ammonti dovuti indikati ħawn fuq;

5. Illi s-soċjeta intimata taf b` dawn il-fattii u baqgħet inadempjenti u għalhekk kelha ssir dina l-kawża;

6. Illi ezistu l-elementi kolha rikjesti mil-ligi sabiex dina l-kawża tigi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta` l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta), stante li dan il-kreditu ta` €38,328.52, huwa dejn ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-soċjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata m`għandhiex eccezzjonijiet x` tagħti kontra t-talba għall-ħlas ta` l-imsemmi ammont;

**Għaldaqstant, tgħid is-soċjeta intimata għaliex għar-ragunijiet premessi m`għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:**

1. Tilqa t-talba tas-soċjeta rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skond l-Artikolu 167 et sequintia tal-Kodiċi ta` Organizazzjoni u Proċedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta);

2. Tiddikjara lis-soċjeta intimata veru, ċert u likwidu debitriċi versu s-soċjeta` rikorrenti fis-somma ta` tmienja u tletin elf, tliet mija tmienja u għoxrin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu €38,328.53);

3. Tikkundanna lis-soċjeta intimata sabiex minnufih tħallas s-somma ta` tmienja u tletin elf, tliet mija tmienja u għoxrin Ewro u tjejn u ħamsin centeżmu €38,328.52) lill-attur, bl-imgħaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha kontra s-soċjeta intimata li minn issa hija ngunta għas-subizzjoni

Rat li r-rikors notifikat debitament kif trid il-liġi, is-Soċjeta' Managing Partners Malta Limited (is-Soċjeta' konvenuta) baqet ma għamlet ebda risposta.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-liġi.

Rat li fil-mori ta' din il-Kawża is-Soċjeta' konvenuta ħallset l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, erbgħa mija sitta u tmenin punt tlieta u ħamsin tal-ewro (€27,486.53) u saret id-debita nota ta' riduzzjoni fl-ammont li qed jintalab. Dan ifisser li fadal bilanċ ta' għaxart elef, tmien mija u tnejn u erbgħin ewro (€10,842).

Il-Qorti qrat ix-xhieda.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet.**

Il-Qorti mill-ewwel tosserva li għalkemm is-Soċjeta' Konvenuta ingħatat il-possibilita li tikkontesta l-kawża, xorta waħda baqet kontumaċi. Tat ukoll żmien sabiex jekk trid tagħmel nota ta' osservazzjonijiet ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u baqet indadempjenti. Ħallset ukoll parti mill-ammont li qed ikun mitlub fil-mori tal-kawża, indikazzjoni li tassew għadha debitur mal-Attur.

Għalhekk wara li fliet l-atti u qieset il-provi mressqa, il-Qorti hija konvinta li fadal l-ammont ta' għaxart elef, tmien mija u tnejn u erbgħin ewro (€10,842) x'jitħallas lill-Attur. Dan għandu jitħallas bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat sal-pagament effttiv.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li hija eżawrita.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet** billi tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lill-Attur is-somma ta' għaxart elef tmien mija u tnejn u erbgħin ewro (€10,842) bl-imgħaxijiet legali mill-presentata ta' dan ir-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża għas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**